MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 375/2011

**Il-Pulizija
(Spt. Angelo Gafa`)
Vs
Concetta Charles**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti Concetta Charles detentur tal-karta tal-identita` numru 811758 (M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-23 ta' Marzu, 2006 u fiz-zminijiet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer approprijat ruhha billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra mis-somma ta' LM5500 li giet fdata jew ikkunsinnata lilha minn Raymond u Josette Mallia taht titolu illi jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz taghha jew minhabba depozitu necessarju.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Settembru, 2011, li biha,

wara li rat l-artikoli 17, 23, 28A u 28H(1), 31, 293, 294 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellanti hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha w ikkundannatha piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal erba` snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Ordnat ukoll li ai termini ta' l-artikolu 28H(1) l-appellanti ghandha tirriforma lura s-somma ta' hamest elef u hames mitt lira Maltin (LM5,500) ekwivalenti ghal tnax-il elf tmien mija w hdax-il Ewro w hamsa w hamsin centezmu (€12,811.55) u dan fi zmien sitt xhur.

Ai termini tal-artikolu 28H(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-appellanti w x'jigri f'kaz li tonqos li tosservaha jew li ssegwi d-direttiva moghtija lilha.
Dwar il-talba tal-prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tikkundanna lill-appellanti thallas l-ispejjez ta' l-esperti ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti rat li f'din il-kawza ma gewx nominati esperti w ghalhekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.
Ordnat ukoll, ghal kull buon fini, li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Agenzija Appogg.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-3 ta' Ottubru, 2011, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka, tannulla u thassar is-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellanti mhux hatja tar-reat lilha addebitat, u minflok tillibera lill-appellanti minn kull htija u piena skont il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti huwa s-segwenti w cioe':-

Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet analizi skorretta tal-fatti tal-kaz u apprezzament zbaljat tal-pozizzjoni legali.

Illi minkejja t-tul tas-sentenza, il-htija giet ibbazata fuq ir-ragunament tal-Qorti tal-Magistrati illi s-somma ta' Lm5,500 giet imhallsa minn Raymond Mallia u martu lil Conetta Charles ghal uzu specifiku, ossia ghall-adozzjoni ta' tifla mill-Pakistan, u tali uzu specifiku ma giex osservat mill-imputata u dan ghaliex il-flus intuzaw mill-Fondazzjoni u ma gewx ritornati lil Raymond Mallia meta rieduhom lura u lanqas wara.

Illi l-izball principali ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti huwa li l-weghda maghmula mill-imputata twettqet ghaliex l-imputata ghamlet il-process kollu ta' l-adozzjoni fil-Pakistan b'tifla tal-Fondazzjoni li jisimha Abigail, komprizi f'dan il-process ic-certifikat tat-twelid, Court Order, Adoption Deed u l-Affidavit ta' l-Avukat Mohammed Qazi, filwaqt li t-tifla li nizzel Shabbir Shafqat hija bint Suleiman. Suleiman ikkontattja lill-imputata u qalilha "jien li tajtek it-tifla", u meta staqsietu "x'tifla hi?", hargilha ritratt tat-tifla tieghu (li mhix Abigail) f'hogor Josette Mallia (mart Raymond) u Martin Agius (brother in law). Shabbir Shafqat uza d-dokumenti li l-imputata kienet tat lil Raymond Mallia sabiex nizzel tifla ohra, li pero` ma kienitx Abigail. Izda l-process tal-adozzjoni fil-Pakistan, li Raymond Mallia, hallas Lm5,500 ghalih, kien effettivament twettaq, u ghalhekk l-esponent irrifjutat li taghtih il-flus lura.

Ghalhekk, ladarba Raymond Mallia rcieva t-tarbija minghand il-Fondazzjoni b'rizultat ta' process ta' adozzjoni maghmul mill-imputata, ir-reat ta' approprijazzjoni indebita ma jissussistix. Irrizulta li Shabbir Shafqat, il-persuna li skont Raymond Mallia stess kienet gabet it-tarbija taghhom mill-Pakistan, kien impjegat ma' l-imputata ossija amministratur fi hdan il-Fondazzjoni appartenenti lill-imputata (*New United Christian Foundation*). Li gara kien li fl-ahhar zminijiet Shabbir Shafqat spicca biex imbrolja lill-Fondazzjoni, u effettivament it-tarbija li hu nizzel Malta (b'dokumentazzjoni ta' tifla ohra) kienet tifla minn tal-Fondazzjoni, li kienet l-esponenti li hallset ghall-adozzjoni taghha fil-Pakistan. Prova ta' dan kollu hemm –

a) il-prova li l-imputata baghtet flus fil-Pakistan biex jintuzaw mill-Fondazzjoni ghall- iskopijiet ta' din l-adozzjoni u mill-Fondazzjoni b'mod generali biex tkun tista' tiffunzjona u ggib it-tifla li riedu l-konjugi Mallia;
b) il-prova li l-flus trasmessi lill-Fondazzjoni ntuzaw ghall-process tal-adozzjoni tat-tifla gewwa l-Pakistan;
c) il-prova li Shabbir Shafqat kien amministratur fi hdan il-Fondazzjoni;
d) il-prova li Shabbir Shafqat inqeda bi process li sar mill-Fondazzjoni li kien jahdem maghha;
e) il-prova li Shabbir Shafqat gie arrestat hawn Malta mill-Pulizija Maltija fuq kwerela ta' l-imputata;
f) il-prova li Shabbir Shafqat gie mixli bi frodi u ammetta l-akkuza u gie kkundannat ghall-piena ta' sentenza sospiza u mkecci minn Malta;
f) il-prova li Shabbir Shafqat iddefroda lill-Fondazzjoni sabiex jiehu flus addizzjonali minghand Raymond Mallia.

Dawn il-provi kollha jinsabu fl-atti tal-kawza u ngabu mill-imputata b'diskolpa taghha nfisha.

Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha dawn il-provi kollha quddiemha. Ezaminathom? Gharblithom? Qiesithom fl-apprezzament taghha? Kieku ghamlet dan, kienet tasal ghal konkluzjoni differenti. Jidher pero` illi l-Ewwel Onorabbli Qorti la semmiet li Shabbir Shafqat ittella' l-Qorti, ammetta u gie kkundannat, u lanqas ma semmiet li Shabbir Shafqat kien f'pozizzjoni ta' awtorita` vis-a-vis il-Fondazzjoni u kien f'qaghda li japprofitta ruhu minn process ta' adozzjoni diga` kompjut jew kwazi kompjut, iffinanzjat mill-Fondazzjoni ta' l-imputata, biex imbaghad spicca talab u ottjena aktar flus minghand Raymond Mallia.

Il-fatt li Raymond Mallia ma jammettix li Shabbir Shafqat nizzel tifla, li mhix Abigail, bid-dokumentazzjoni tal-Fondazzjoni dwar l-adozzjoni ta' Abigail, ma jfissirx illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha taccetta l-versjoni ta' Raymond Mallia. Anzi, kien mistenni li l-Ewwel Onorabbli Qorti thares lejn il-fatti oggettivament u ma thalli xejn barra, kif fil-fatt gara meta la semmiet li Shabbir Shafqat gie arrestat hawn Malta, tressaq il-Qorti, ammetta l-

akkuza ta' frodi u gie mkecci minn Malta. Ghalhekk, l-analizi maghmula mill-Ewwel Onorabbli Qorti hija skorretta u inkompleta u ghalhekk il-konkluzjoni milhuqa minnha hija wkoll zbaljata.

Illi l-esponenti rceviet il-flus biex tipprocessa l-adozzjoni mill-Pakistan, u effettivament dan ghamlitu. Shabbir Shafqat ma kellux jiehu flus minghand Raymond Mallia ghaliex id-dokumenti li nizzel lit-tifla ta' Suleiman hawn Malta kienu dokumenti tal-Fondazzjoni pertinent ghall-adozzjoni ta' Abgail, mhux tat-tifla ta' Suleiman. Izda, ladarba l-process ta' adozzjoni twettaq, l-imputata ma kellhiex tinstab hatja ghaliex il-flus gew effettivament applikati ghall-iskop jew uzu specifiku li ghalih kienu thallsu lilha.

Il-qerq sar minn Shabbir Shafqat ghaliex dan agixxa minn wara dahar il-Fondazzjoni. L-ipprocessar ta' l-adozzjoni min-naha tal-Fondazzjoni sar kollu legalment fil-Pakistan u l-imputata użat il-flus biex il-weghda taghha setghet titwettaq.

Ghaldaqstant, mhux minnu li l-flus li hallsu Raymond Mallia u martu lill-imputata marru għal skop ieħor, iżda gew applikati ghall-process ta' l-adozzjoni u cioe` biex jinħareġ Adoption Order u ssir Adoption Deed.

Meta l-esponenti xehdet u tat dettalji dwar x'kienu ghamlu Raymond Mallia u Shabbir Shafqat, u cioe` Raymond Mallia ta d-dokumentazzjoni li kienet tatu l-imputata lil Shabbir Shafqat biex dan seta' jnizzillu tifla ohra biha, dak il-hin stess il-Qorti ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga.

2. Illi stranament, anzi stranament hafna, wara li sar xi xoghol investigattiv mill-Ispettur Angelo Gafa` u dan ipprezenta dokumenti li waslulu mill-Pakistan u ghamel talba lill-Qorti tal-Magistrati, il-Qorti tal-Magistrati ma pprovdiet bl-ebda mod u halliet kollox imdendel fl-arja.

Ghan-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija, l-esponenti pprezentat nota responsiva dettaljata hafna, li fiha

kkomparat dokument ma' iehor, kopja ma' ohra, u nisslet hafna konkluzjonijiet li juru li d-dokumenti esibiti minn Raymond Mallia, moghtija lilu minn Shabbir Shaqat, kienu qarrieqa. Izda, fis-sentenza l-Qorti tal-Magistrati injorat mhux biss in-nota responsiva ta' l-imputata izda wkoll in-nota pprezentata mill-Kummissarju tal-Pulizija. B'hekk, il-Qorti tal-Magistrati pprivat ruhha mill-beneficcju ta' analizi approfondita tad-dokumenti mressqa.

3. Illi r-reat li l-Qorti tal-Magistrati sabet lill-esponenti hatja tieghu ma jissussistix fil-konfront taghha. L-esponenti, kif intwera, ma kkommettiet l-ebda approprijazzjoni indebita billi ma dawwritx flus ghaliha izda uzat il-flus fil-process ta' l-adozzjoni. Dan ikun jista' jigi muri ahjar waqt it-trattazzjoni ta' l-appell meta l-esponent jittama li jkun jista' juza **Projector** biex mhux biss jidentifika dokumenti, izda wkoll biex jidentifika certi kliem li gew mizjuda jew alterati minn Shabbir Shafqat biex seta' jnizzel tifla differenti b'dokumentazzjoni tal-Fondazzjoni li l-imputata kienet ikkunsinnat lil Raymond Mallia. Ghalhekk, Raymond Mallia ma xehedt il-verita` ghaliex jaf sewwa li kien hu li ta d-dokumenti lil Shabbir Shafqat biex dan seta' jalterahom. Fil-process hemm provi carissimi ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti. Issir riferenza ghan-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-2 ta' Marzu 2011 li biha talab lil din l-Onorabbli Qorti "*sabiex tiehu l-mizuri necessarji skond il-ligi fil-konfront ta' l-imputata Concetta Charles*", u dan wara li ddikjara "*li a bazi ta' dak ikkomunikat mill-Awtoritajiet Pakistani, l-allegazzjonijiet li Concetta Charles ghamlet bil-gurament quddiem din l-Onorabbli Qorti fis-17 ta' Settembru 2009 kif ukoll f'dikjarazzjoni li din irrilaxxat fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fis-26 ta' Ottubru 2009 fil-konfront ta' Raymond Mallia, kienu foloz.*"

Illi kif korrettement imfisser fir-Risposta ta' l-imputata Concetta Charles ghan-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija, l-esponenti fl-ewwel lok tikkonferma dak kollu li hija ddikjarat kemm quddiem din l-Onorabbli Qorti bil-gurament kif ukoll fl-istqarrija taghha lill-Pulizija.

L-esponenti ser tibbaza ruhha fuq is-segwenti dokumenti li jinsabu fl-atti ta' din il-kawza:

1) l-istqarrijiet ta' l-esponenti lill-Pulizija;
2) l-istqarrija ta' Raymond Mallia lill-Pulizija;
3) l-ittra mibghuta mill-Ispettur Angelo Gafa` lil IP Islamabad flimkien mad-dokumenti annessi maghha;
4) it-twegiba mill-Pakistan;
5) zewg Court orders mill-Pakistan, wahda ghal Abigail u l-ohra ghal Mariah;
6) Adoption Deed ta' Abigail u Adoption Deed ta' Mariah;
7) atti tat-twelid ta' Abgail u ta' Maiah;
8) affidavit ta' avukat tal-High Court rigward Abigail u affidavit tal-avukat dwar Mariah.

Fl-istqarrija ta' Raymond Mallia, huwa gie mistoqsi "dwar allegat kaz ta' frodi minn Concetta Charles ghad-dannu taghkom". L-esponenti taghmel riferenza ghan-Nota ta' sottomissjonijiet gia` pprezentata minnha li fiha teskludi b'mod assolut kwalunkwe frodi. Fl-imsemmija Nota gie enfasizzat il-fatt li Raymond Mallia ma setax baghat l-affidavit tat-18 ta' Mejju 2004 lil Shabbir Shafqat ghaliex ma kienx ghadu jaf bl-ezistenza ta' Shabbir Shafqat dak iz-zmien.

Meta fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija Raymond Mallia ddikjara (pagna 2) illi kien qata' "kull kuntatt" ma' Concetta Charles, dan mhux qed jghid il-verita`. Huwa qed jikkontradici lilu nnifsu ghaliex filwaqt li stqarr fil-Qorti li f'xahar kien adotta t-tarbija, l-affidavit ipprezentat minnu sar fis-sena 2004. Kif taf din l-Onorabbli Qorti, Raymond Mallia ha t-tarbija "f'Marzu 2006"! Hemm differenza kbira bejn sentejn u "xahar".

Raymond Mallia qal li Jesmond Scicluna minn Har-Qormi introducih ma' Shabbir Shafqat, il-persuna li kien gab tarbija lil Jesmond Scicluna. Hawnhekk, din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun taf illi dan Jesmond Scicluna kien ghamel uzu mill-ghajnuna ta' Concetta Charles, kien iffirma ftehim maghha quddiem in-Nutar Hugh Grima, u, wara li faqqghu l-allegazzjonijiet, kien estenda z-zmien quddiem l-istess Nutar Hugh Grima. L-esponenti tat il-

Court order lil Jesmond Scicluna, flimkien ma’ l-Adoption Deed, affidavit ta’ l-avukat Shakeel Virk, kopja tal-passaport tat-tifel adottat Fabio Wilson, kif ukoll kopja tal-passaport ta’ min kien ser jivvjagga, inkluza omm Fabio, iz-zija Anita Wilson, Shabbir Shafqat. Hlief it-tifel Fabio Wilson, it-tliet adulti l-ohra gew akkommodati minn Concetta Charles f’darha stess. Il-kopji huma annessi.

Inoltre, fl-istqarrija tieghu Raymond Mallia zied ighid li t-tieni tifla li giet adottata, Mariah, ingabet minn Shabbir Shafqat u minn Anita. Ghalkemm l-esponenti ma kellhiex parti fil-ksib tal-Court order ta’ Mariah, hija tixtieq issemmi illi Anita Wilson ukoll kienet impjegata mal-Fondazzjoni taghha, izda spiccat waqghet ghall-kliem helu ta’ Shabbir Shafqat u sabet ruhha traxxinata fl-operat qarrieqi tieghu. Tant hu hekk, illi l-esponenti strahet meta l-kuntatti bejnha u Shabbir u Anita ntemmu, u hija kuntenta li ma kellhiex x’taqsam fl-adozzjoni ta’ Mariah. Dan johrog car iktar `il quddiem. Izda, ghall-kuntrarju, Concetta Charles hija kburija li kienet strumentali u involuta bis-shih biex kisbet il-Court order ghal Abigail, u dan minkejja li Raymond Mallia qed jichad din il-verita` sagrosanta ..... bil-kliem u mhux bil-fatti.

Raymond Mallia fl-ahhar twegiba tieghu fl-istqarrija jghid illi Concetta Charles saret taf li hu kien irranga ma’ Shabbir Shafqat u marret biex titlob lil Shabbir Shafqat jaghtiha xi karti u dan qalilha li ma kellux dawn il-karti u li Raymond ma kellux x’jaqsam maghha u li ma rieditx titlaq mid-dar tieghu u kellu sahansitra jsejjah lill-Pulizija u dawn harguha `l barra. L-esponenti tistaqsi: min kienu dawn il-Pulizija li gew u harguha `l barra mid-dar ta’ Raymond Mallia?!

Raymond ma seta’ kellu l-ebda arrangement dwar karti ma’ Shabbir Shafqat ghas-semplici raguni li d-dokumenti originali kollha mill-Qorti kienet taghthomlu hi! L-esponenti kienet marret biss biex titlob kopji sabiex tnaqqas id-dewmien biex issir l-‘attestation’ safejn setghet.

L-esponenti qatt ma nsultat lil hadd gewwa l-Malta International Airport. Hija kellmet lil Raymond Mallia u

qaltlu li t-tifla li giet ma kienitx it-tifla li support kellha tingieb, u li hi ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghall-konsegwenzi. L-esponenti dan xehditu bil-gurament quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Il-konkluzjonijiet li jasal ghalihom il-Kummissarju tal-Pulizija fl-imsemmija Nota tieghu huma zbaljati, u issa se jigi muri ghala huma zbaljati.

B'riferenza ghall-ittra mibghuta mill-Ispettur Angelo Gafa` lil IP Islamabad, l-esponenti thoss illi l-istharrig maghmul mill-Ispettur Angelo Gafa` sar b'mod serju u onest. Huwa talab il-verifika tad-dokumenti wara li kiseb kopji validi tad-dokumenti relativi ghall-Court order dwar Abigail u qabbilhom ma' dik li giet ipprezentata mill-esponenti, u sab illi <u>jaqblu, kelma b'kelma</u>. Wara, huwa baghathom ghall-verifika lil IP Islamabad fil-Pakistan.

➢ Issir riferenza ghall-Court order ta' Abigail li giet ipprezentata mill-esponenti lill-Ispettur Gafa`. L-esponenti sejra tindika diversi punti li ghandhom jigu notati:

➢ L-esponenti qieghda **tindika** il-linja jew marka zghira skura (**–**) li tidher fuq il-kopja tal-Court order li pprezenta Raymond Mallia lill-Ispettur Angelo Gafa`, li giet ipprezentata mas-sett ta' dokumenti annessi man-Nota. **Tindika** t-timbru tal-Foreign Office u t-timbru tal-Ambaxxata. **Tindika** l-linja jew marka zghira skura (**–**) fuq l-ewwel faccata ta' dan id-dokument, identiku ghal dak li gie pprezentat mill-esponenti. Dan **juri** li Concetta Charles kellha fil-pussess taghha kopja tal-Court order originali, li allura **juri** li dan il-Court order inhareg lil Concetta Charles u gie <u>kkunsinnat minnha lil Raymond Mallia</u>, u mhux minn Shabbir Shafqat. L-esponenti ma tahsibx illi hemm bzonn ta' ezami forensiku biex jigi kkonfermat dan kollu; izda jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ghandha tahtar espert forensiku biex jiddikjara li dan hu hekk, l-esponenti ma toggezzjonax. [Punti ohra rilevanti fir-rigward jissemmew fin-Nota ta' sottomissjonijiet li l-esponenti gia` pprezentat qabel f'dawn l-atti.]

- It-tielet kopja tal-original tal-Court order hija dik li giet mibghuta minn IP Islamabad lill-Ispettur Gafa`. L-esponenti **tindika** li f'dan id-dokument m'hemmx il-marka zghira skura (**–**) ghaliex dan id-dokument inhareg mill-Qorti tal-Pakistan fit-8 ta' Lulju 2010 – filwaqt li l-Court order originali nhareg fis-17 ta' Dicembru 2004 kif hemm indikat fuqu. Jigi notat illi t-tliet kopji tal-Court order huma kelma b'kelma u huma genwini. Wiehed jista' jinnota:
  - l-indirizz residenzjali,
  - it-twelid ta' erba' ulied bniet,
  - it-talba ta' omm Abigail, Gulzar, sabiex bintha tigi adottata,
  - l-indikazzjoni ta' l-ismijiet tal-konjugi Mallia, indirizzi u pajjizna.

Issa, ghalkemm il-'guardianship certificate' biex jippermetti lil Abigail thalli pajjizha ma' ommha Gulzar ma ntbaghatx il-Pakistan mill-Ispettur Gafa` ghall-verifika, il-'guardianship certificate' pprezentat minn Concetta Charles fl-atti tal-kawza, ikompli jforni prova ulterjuri illi l-esponenti mhux biss kellha fil-pussess taghha l-Court order originali, izda wkoll kellha fil-pussess taghha l-'guardianship certificate'. Din hija prova inkonfutabbli li kienet Concetta Charles u hadd aktar li gab id-dokumenti ta' l-adozzjoni li ghandu Raymond Mallia. Dan il-'guardianship certificate' Raymond Mallia ma kellux [**ghaliex Concetta ma tatulux**] u ghalhekk ma setax jipprezentah il-Qorti. Concetta Charles dan il-'guardianship certificate' <u>kellha</u> u ghalhekk kienet f'pozizzjoni li tipprezentah il-Qorti, kif fil-fatt ghamlet! Ma setax tahulu Shabbir Shafqat, ghaliex Shabbir Shafqat ma kellu assolutament l-ebda dokumenti – ghall-kuntrarju ta' l-imputata.

Immorru issa ghall-att tat-twelid ta' Abigail, liema dokument gie pprezentat l-ewwel minn Concetta Charles.

L-esponenti **tindika** l-karta tal-identita` ta' Ashraf Masih (NIC)[1] kif ukoll il-karta tal-identita ta' Gulzar (l-omm).

[1] National Identity Card

**Tindika** l-indirizz Municipal Administration Jamshed Town Karachi
Ashraf Masih N.I.C. No. 4230149692029
Gulzar N.I.C. No. 517-75-560399

Immorru ghall-affidavit ta' l-avukat Mohammed Qazi, li l-Awtoritajiet fil-Pakistan jirreferu ghalih bhala avukat tal-Qorti Suprema tal-Pakistan.

Issa, filwaqt li l-Awtoritajiet fil-Pakistan ikkonfermaw li dawn id-dokumenti huma kollha genwini – fatt li jaghmel lill-esponenti aktar kburija li dejjem qalet il-verita` dwar id-dokumenti miksuba minnha – il-verifika miksuba mill-Awtoritajiet tal-Pakistan ma tippruvax illi Abigail, dik Abigail imsemmija fil-Court order, hija fil-fatt it-tifla li Shabbir Shafqat u Colara nizzlu Malta u kkunsinnaw lil Raymond Mallia, ghaliex ghalkemm l-Awtoritajiet tal-Pakistan qeghdin jiddikjaraw illi Ashraf Masih ikkonfermalhom li bintu giet adottata f'Malta mill-konjugi Mallia, IP Islamabad ma pprezentawx lill-Pulizija ta' Malta l-affidavit mahluf minn Ashraf Masih u, aktar importanti minn hekk, l-affidavit mahluf minn Gulzar Masih (omm Abigail) skond ma kienet talbet lill-Qorti fil-Pakistan sabiex tkun tista' tithalla tivvjagga lejn Malta flimkien ma' Abigail in konnessjoni ma' l-adozzjoni. L-esponenti tistaqsi: **L-omm, Gulzar Masih, ghaliex ma vvjaggatx hi flimkien ma' bintha Abigail kif normalment isir u dejjem sar f'kull adozzjoni mwettqa minn Concetta Charles?**

**Tindika** illi l-indirizz ta' l-applikanti Gulzar (karta tal-identita` jew N.I.C. No. 51775560399, omm Abigail Ashraf, huwa R/o House No. 627, Jamshed Quarter Karachi.

Issa, meta wiehed jezamina l-Court order f'idejn Shabbir Shafqat, (li kien responsabbli biss fil-kaz ta' Mariah u mhux ta' Abigail): Il-Court order ghal Mariah li gie pprezentat minn Shabbir Shafqat **huwa attestat mill-Foreign Office ta' Karachi, izda m'huwiex verifikat mill-Ambaxxata tal-Pakistan**. Tidher it-talba ta' Gulzar, jissemmew erba' ulied bniet, tissemma d-data tat-twelid ta' Mariah bhala 17 ta' Frar 2006, u d-data tal-Court order

hija 18 ta' Settembru 2006. Hemm indikat indirizz differenti. Dan hu fatt importanti: l-indirizz differenti jimplika fil-Pakistan bidla fil-qorti kompetenti biex tohrog il-court order. Il-gurisdizzjoni tal-Qorti tigi stabbilita skond iz-zona ta' abitazzjoni. Mela, Gulzar (l-omm) hin minnhom tghid li hija fqira u m'ghandhiex mezzi finanzjarji, u hin minnhom tindika li ghandha zewg postijiet fejn tabita, b'indirizzi differenti. Allura issa l-Court order huwa minn Qorti fis-South.

Raymond Mallia jiftahar li l-Court order ta' Mariah li gie pprezentat minnu (li mieghu l-imputata ma kellha x'taqsam xejn) gabu minghand Shabbir Shafqat. L-esponenti **tindika** illi fl-ahhar linja ta' dan id-dokument il-kelma "**lies with her**" giet alterata ghal "**lives with her**". Dan hu ffirmat mill-Ministeru izda mhux iffirmat mill-Ambaxxata. Meta mbaghad dan id-dokument jitqabbel mal-kopja mibghuta minn IP Islamabad miksuba fit-18 ta' Dicembru 2010, jirrizulta li l-ahhar linja fuq il-kopja ufficjali ghandha l-kliem "**lives with her**", mhux "**lies with her**". Zdiedu wkoll il-kelmiet "**or take Abroad**", li ma jezistux fid-dokument originali.

Dawn il-kelmiet gew mibdula u mizjuda bil-ghan li l-Court order jidher aktar kredibbli jew accettabbli ghall-Qrati ta' Malta. Minghajr il-permess biex it-tifla tkun tista' tivvjagga, il-Court order ta' Mariah ma kien ikun ta' l-ebda utilita`. Ghalhekk, Shabbir Shafqat raxx il-bzghar fl-ghajnejn billi zied il-kliem "or take Abroad". Dan il-Court order intuza biex tigi facilitata l-wasla ta' Mariah f'Malta. Dan il-Court order ma fihx il-kunsens ta' l-omm biex it-tifla tinghata biex tigi adottata. Kif gia` ntqal, m'hemmx imnizzel l-N.I.C. no. ta' Gulzar.

Ir-rizultat ta' dan il-qerq kollu hu li, jammetti jew ma jammettix Raymond Mallia, il-genituri naturali ta' Mariah ghadhom jistghu jsejhu lura lil binthom fil-Pakistan ghaliex skond il-ligi tal-Pakistan id-dokumenti li nghata Raymond u li hu pprezenta fil-Qorti hawn Malta m'humiex dokumenti awtentici ta' l-adozzjoni.

Jekk wiehed ikompli b'dan l-ezami komparattiv, jirrizulta wkoll li hemm 'overwriting' fuq it-typing "**September**" u bil-linka giet alterata ghal "**October**". Jirrizulta wkoll li zdiedu xi kliem bil-linka "**father of minor**". Mela dan id-dokument li Shabbir Shafqat ta lil Raymond Mallia u li gie esibit fil-Qorti fih bla ebda dubju diversi alterazzjonijiet u gie mbaghbas.

Izda l-apice tal-falsifikazzjoni tinsab fil-'Guardianship certificate' ta' Mariah: Fuq nett hemm imnizzel li Ashraf Masih huwa "Christian" u li martu Gulzar hija "**Christian**". Imbaghad fil-korp tac-"Certificate of Appointment of Guardian of Minor Baby Mariah ..." hemm imnizzel illi "Gulzar W/o Ashraf Masih, **Muslim**, adult ..." Dan fl-istess faccata.

I.P. Islamabad baghtu kopja ta' dan id-dokument li gie sottomess minn Shabbir Shafqat, u dan id-dokument jikkorrobora l-versjoni ta' Concetta Charles dwar il-falsifikazzjoni tad-dokument. Id-dokument ghandu t-timbru li juri dan.

Kif intqal qabel, f'dan id-dokumentipprezentat minn Raymond Mallia, it-talba gudizzjarja ta' Gulzar hija bbazata fuq il-faqar tal-familja, u titlob semplicement li tinghata l-kustodja tat-tifla ..... l-omm titlob il-kustodja ta' bintha stess! Ashraf Masih ma jopponix. In-numru tal-karta tal-identita` ta' Gulzar (jew N.I.C. No.) huwa nieqes, kemm fuq l-att tat-twelid ta' Mariah kif ukoll fuq l-Adoption Deed. Dina l-Adoption Deed giet ikkupjata kelma b'kelma mid-dokumenti tan-New United Christian Foundation u jintuza wkoll l-istess 'format'. Fil-'guardianship certificate' ta' Mariah ma ssir l-ebda riferenza ghall-awtorizzazzjoni biex it-tifla Mariah tinhareg mill-gurisdizzjoni tal-Pakistan sabiex tingieb Malta! Minhabba f'hekk, dan il-'guardianship certificate' ma setax jintuza ghall-finijiet ta' vjaggar lejn Malta ghaliex ma kienx idoneju.

L-Ispettur Angelo Gafa` ma baghatx il-'guardianship certificate' ta' Mariah ghall-verifika lil I.P. Islamabad ghas-semplici raguni li Shabbir Shafqat ma kienx ta lil Raymond Mallia dan id-dokument iffalsifikat, u allura Raymond

Mallia qatt ma seta’ jipprezentah il-Qorti, bil-konsegwenza li l-Ispettur Angelo Gafa` ma baghtux lil I.P. Islamabad. Izda I.P. Islamabad baghtu l-kopja lill-Pulizija ta’ Malta, u issa l-Ispettur Gafa` pprezenta dan fil-Qorti, u huwa l-prova regina tal-falsifikazzjoni: fuq “Christian” u isfel “Muslim”!

Minghajr ma tissemma l-ebda raguni, l-indirizz huwa differenti u ghalhekk il-Court order din id-darba huwa tas-South minflok mill-Qorti ta’ l-East. Issa wiehed irid ifittex u jistabbilixxi r-raguni ghala sar dan it-trasferiment ghas-South minflok mill-East:

Shabbir Shafqat bilfors kellu x’jahbi biex ghamel din il-mossa, u fil-fatt huwa kellu bilfors jaghmel hekk ghaliex altrimenti l-avukat Qazi, li hu l-avukat tal-Fondazzjoni, kien jaqbdu jaghmel dan il-qerq. L-avukat Qazi huwa ta’ reputazzjoni tajba hafna u meqjus bhala High Court lawyer, kif hemm indikat fil-kitba tieghu. Shabbir Shafqat ma riedx li jinqabad mill-Avukat Qazi u allura ghamel talba mill-omm Gulzar ghal guardianship ta’ bintha quddiem Qorti fis-South. Fl-applikazzjoni jissemmew l-erba’ ulied ta’ Gulzar u jinghad li dawn ghadhom kollha jghixu maghha fid-data tat-18 ta’ Settembru 2006, li jfisser li f’dik id-data anke Abigail kienet ghadha tghix mal-omm. JEKK ABIGAIL WASLET MALTA F’MARZU 2006 META GIET IKKUNSINNATA LIL RAYMOND MALLIA MINN SHABBIR SHAFQAT, KIF JISTA’ JKUN LI SA SETTEMBRU 2006 ABIGAIL KIENET GHADHA L-PAKISTAN? Huwa ovvju li d-dokument huwa kkupjat.

Barra minn hekk, jekk dwar Abigail diga` kien inhareg Court order minn Qorti ohra, x’kien hemm ghalfejn issir talba f’isem Gulzar lil Qorti f’zona ohra? Izda Shabbir Shafqat zamm il-Court order li kien diga` nhareg, u minflok ghamel applikazzjoni fil-Qorti tas-South mhux ghall-adozzjoni izda ghall-kustodja, u dan meta Gulzar, bhala l-omm naturali ta’ Abigail, kellha de facto u de jure l-kustodja ta’ Abigail. Shabbir Shafqat kellu jaghmel din il-manuvra biex ma jmurx fil-Qorti tal-East fejn kien jahdem l-Avukat Qazi, ghaliex dan kien jesponih billi l-Avukat Qazi kien diga` qabdu jbaghbas dokumenti qabel. L-esponenti

kienetipprezentat dikjarazzjoni tal-Avukat Qazi fejn kien iddenunzja l-qerq ta’ Shabbir Shafqat precedentement. Billi Shabbir Shafqat ma setax ibaghbas id-dokumenti li kellha fil-pussess taghha Concetta Charles dwar Abigail, huwa ghazel li jallontana ruhu mill-esponenti fl-operat qarrieqi tieghu halli l-flus li jdahhal ma jmorrux ghand il-Fondazzjoni, izda jmorru fil-but tieghu!

Fl-ahharnett, hemm il-falsifikazzjoni dwar ir-Religjon ta’ Gulzar. Fil-‘guardianship certificate’ mibghuta minn IP Islamabad lill-Pulizija f’Malta ir-Religjon ta’ Gulzar huwa indikat bhala “Muslim”. Band’ohra, ir-Religjon taghha gie indikat bhala “Christian”. Din kienet wahda mir-ragunijiet ghala Shabbir Shaqat zamm mistur il-‘guardianship certificate’. Minhabba f’hekk ukoll, Gulzar (omm Mariah) ma setghetx iggib lit-tifla Malta hi, specjalment jekk kellha passaport appartenenti lir-Religjon “Muslim”. Ghalhekk, Anita kienet ‘cover-up’ ghal dina l-problema, peress li Anita gia` kellha visas ittimbrati fuq il-passaport taghha u ghalhekk kien facli ghaliha biex terga’ tivvjagga.

Jidher car illi l-Awtoritajiet fil-Pakistan, inkluzi IP Islamabad, ma kellhomx il-kwadru komplet, bid-dokumenti kollha (genwini u foloz) bhalma ghandha ghad-dispozizzjoni taghha l-esponenti Concetta Charles, bl-opportunita` li tistudjahom, tiflihom bir-reqqa u tipparagunahom f’kull dettal. Ghalhekk, certi dettalji bhal tbaghbis fid-dokumenti sfuggew lil IP Islamabad izda ma sfuggewx lill-esponenti li, matul dawn is-snin kollha ta’ esperjenza personali fuq adozzjonijiet mill-Pakistan, tharrget sew fuq kull dettal.

<u>Osservazzjonijiet fuq l-istqarrija ta’ Raymond Mallia lill-Ispettur Angelo Gafa`:</u>

Fil-kors tal-kontroezami tieghu minn Dr Tonio Azzopardi, Raymond Mallia ddikjara li huwa hallas lil Shabbir Shafqat is-somma ta’ Lm5,500. Izda fl-istqarrija tieghu lill-Ispettur Angelo Gafa`, Raymond Mallia ddikjara figura differenti, u cioe` Lm3,500 (ara stqarrija tal-10 ta’ Jannar 2010).

L-ircevuti tal-Western Union jew tal-Bank li hu pprezenta fil-Qorti la jammontaw ghal Lm5,500 u lanqas ghal Lm3,500 – u dan minkejja li bil-gurament tieghu pprometta li kien ser jipprezenta l-ircevuti bhala prova tal-ammont attwalment imhallas minnu.

Hemm inkonsistenzi fix-xiehda tieghu, u mhux fix-xiehda ta’ Concetta Charles. Meta gie ffaccjat bil-versjoni ta’ Concetta Charles, dettaljata u msahha b’dokumenti, kellu bilfors jikxef lil Shabbir Shafqat u lil Jesmond Scicluna ghax ma setax jaghmel mod iehor.

L-intenzjonijiet ta’ Raymond Mallia kienu li jiskredita lil Concetta Charles u li jpingiha bhala persuna li tqarraq, meta fil-fatt kien jaf illi minghajr il-hidma kostanti u ‘committment’ u determinazzjoni qawwija taghha, la l-adozzjoni ta’ Abigail ma kienet issehh u lanqas l-adozzjoni ta’ Mariah ma kienet issehh.

Filwaqt li l-esponenti stqarret dejjem il-verita`, kemm bil-gurament u anke minghajr gurament, u sostniet kliemha bil-prova dokumentarja tal-fatti u dati, Raymond Mallia pprefera jkompli jipprova jingurjaha anke meta kien bil-gurament u pprova jizvija lill-Qorti biex jikseb is-simpatija tal-Qorti bhala ‘vittma’ ta’ adozzjoni li ma rnexxietx minhabba l-esponenti.

Rigward Jesmond Scicluna, Raymond Mallia kien jaf illi l-esponenti kienet l-ewwel qed tiffinalizza l-adozzjoni tal-konjugi Scicluna u li l-adozzjoni taghhom kienet ser tigi minnufih wara. Kien hemm diversi e-mails skambjati fuq dan is-suggett minn martu Josette Mallia permezz tan-neputija taghhom Mandy Agius (bint Rita Agius, li tigi oht Josette mizzewga Mallia). Ghalkemm (sfortunatament) il-computer ta’ Concetta Charles ma kellux is-sena ssettjata tajjeb, il-computer ta’ Mandy kellu d-data ssettjata sew, u ghalhekk e-mail minghand concettacharles@onvol.net lil mandy1@onvol.net datat il-Gimgha, 23 ta’ Gunju 2006 7.10 p.m. kellha d-data zbaljata, izda l-email minghand Mandy Agius bi twegiba kellha d-data korretta: 28 ta’ April 2004 10.34 p.m.

Kien hemm telefonati u e-mails skambjati bejn Josette Mallia tramite Mandy Agius, u Concetta. Ghalhekk, Raymond Mallia kien jaf sewwa li Jesmond Scicluna kien adotta permezz ta’ l-esponenti, izda ddecieda li jahbi dan il-fatt fix-xiehda tieghu lill-Qorti. Inoltre, ghazel li fix-xiehda tieghu jahbi wkoll il-fatt li Concetta kienet akkompanjathom personalment ghand in-Nutar biex jippreparaw l-affidavit li l-esponenti baghtet il-Pakistan. L-affidavit huwa datat 18 ta’ Mejju 2004, u kienet l-esponenti stess li tathom il-‘wording’ tal-affidavit biex dan ikun sodisfacjenti ghall-Qorti tal-Pakistan.

Raymond Mallia jista’ ma jghidx il-verita` quddiem hafna nies, izda ma jistax jghid affarijiet li m’humiex minnhom fuq adozzjonijiet mill-Pakistan quddiem l-esponenti għaliex ħadd aktar minn Concetta Charles ma għandu għeruq fl-adozzjonijiet mill-Pakistan.

Fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant juża l-kelma ‘aggravju’ fis-singular a fol 405. Dan jaqsmu fi tnejn u fl-aħħar iżid xi osservazzjonijiet dwar l-istqarrija ta’ Raymond Mallia lill-Pulizija.

Fi ftit kliem, dan l-aggravju huwa dwar dak li l-appellant iqis bħala apprezzament ħażin mill-Qorti tal-provi li nstemgħu quddiemha.

Dwar aggravji bħal dawn intqal hekk:

‘Il-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri normalment ma tvarjax l-apprezzament tal-fatti li tkun għamlet l-ewwel Qorti, sakemm‘dil-Qorti ma tqisx li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti tkun “unsafe and unsatisfactory”, u dana fis-sens li fuq il-provi li jkollha quddiemha l-Ewwel Qorti u li jkunu jinsabu traskritti fil-process, hi suppost li ma tkun qatt waslet għall-konkluzjoni ta’ htija li tkun waslet ghaliha. U dana għaliex ghax kif gie ritenut mill-Qrati Ingliżi :-

“..assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury’s verdict (in this case, with the

conclusion of the learned Magistrate) because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case - including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings - leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.” (Rex. v. Cooper (1969) 1 QB 276 per Lord Chief Justice Widgery – Blackstone’s Criminal Practice (1991) p.1392 Appell Kriminali “Il-Pulizija vs. Brian Caruana” (23.5.02 ).’

Għalhekk l-ezami li għandha tagħmel din il-Qorti mhux li tara jekk taqbilx jew le mal-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti, iżda jekk dik il-konklużjoni l-Ewwel Qorti setghetx ukoll tasal ghaliha “safely” fuq il-provi li kellha quddiemha. Sa hawn jasal l-eżercizzju revizjonarju ta’ din il-Qorti meta si tratta ta’ apprezzament ta’ fatti.

Għalhekk il-Qorti reġgħet eżaminat il-provi kif jidher mis-segwenti sommarji.

L-Ispettur Joseph Cordina xehed li fis-sena 2006 huwa kien irċieva rapport minn għand is-sur Raymond Mallia u l-mara tiegħu Josette fejn qalu li kienu ltaqgħu ma’ Concetta Charles u għamlu kuntratt bejniethom (ara fol 28) u tawha power of attorney (fol 26) sabiex tinġieb tarbija mill-Pakistan. Il-kuntratt kien sar fis-sena 2001 u mal-kuntratt il-koppja ħallset Lm5000. Fis-sena 2003, il-koppja ntalbet tħallas Lm500 oħra lil Concetta Charles biex il-proċess jimxi aktar malajr. It-tarbija baqgħet ma ġietx u l-koppja talbet il-flus lura. Huma marru jfittxu s-servizzi ta’ ħadd ieħor wara li huma ħallsu l-ispejjeż kollha għal dan is-servizz ġdid.

**L-Istqarrija tal-appellanti**

Fl-istqarrija tagħha tat-**23 ta’ Marzu 2006** l-appellant qalet li kien hemm ftehim bejnha u bjen Raymond u Josette Mallia u dawn ħallsuha Lm5500. Meta kienet

mistoqsija jekk ġabitx it-tifla mill-Pakistan, hija qalet li ma kinitx f'pożizzjoni li tirrispondi d-domanda. Żiedet tgħid li l-flus li ħallsu l-koppja Mallia marru ġo fond li qiegħed f'idejn il-fondazzjoni 'New United Christian Foundation. B'dawn il-flus huma jissussidjaw familji oħra. Hi kienet tkun taf kemm ħarġu flus fuq kull addozzjoni billi tieħu average. Il-fondazzjoni kienet waqfet għal zi żmien minħabba ċerta allegazzjonijiet li kienu saru. Illum qed terġa' topra iżda d-dar ma żammewhiex. It-tifla li kellha tinġab kien jisimha Abigail Ashraf. Ommha kien jisimha Gurzar. Il-kontijiet joħorġu b'mod kollettiv u mhux partikolari għal tifla waħada. It-tifla kienet twieldet fis-sena **2004** u minn dejjem kienet għand il-fondazzjoni. Hija nnegat li użat il-flus li tat il-koppja għal għanijiet oħra.

Imbagħad qalet hekk:

'L-istess tifla li kont qed nieħu ħsieb jien ma ġietx Malta, biss l-addozzjoni tat-tifla saret u ġiet tifla oħra…..Il-prokura li kelli minn għand Mallia kont ħassartha fis-sena 2004.'

L-appellant kienet dejjem tittama li din it-tifla tasal u kienet tagħti l-istess tama lil Josette Mallia.

F'Novembru tas-sena 2005, hija kienet talbet lura l-adoption deed oriġinali, l-ordni tal-qorti kif ukoll l-affidavit tal-avukat mill-Pakistan lil Josette Mallia iżda din ma tathomlhiex lura. Shabir Shafquat, li kienet qabbditu jaħdem magħha hi, kien beda jingannaha. Hi kienet qalet lil Josette Mallia li Shabir Shafquat ma kienx għadu jaħdem magħhom.

Xehed ukoll Raymond Mallia li esibixxa kopja tal-kuntratt, irċevuta li kienet ħarġitlu l-appellanti għall-ammont ta' flus li kien taha (29 ta' Marzu 2002) u l-prokura (bid-data 22 ta' Ġunju 2001[2] u li tħassret fis-6 ta' Frar 2003). [3]Sad-19 ta' Ġunju 2006, l-appellanti ma kinitx ġabet it-tarbija u lanqas ma kienet tatu l-flus lura. Huwa esibixxa r-rapport (fol 38)

[2] Ara xhieda ta' Dr William Azzopardi a fol 47

[3] Ara xhieda tan-Nutar Jonathan Zammit a fol 131.

ukoll li kien għamel lill-pulizija u ittra li l-avukat tiegħu kien bagħat lil Concetta Charles. Kienet tgħidlu sabiex imur l-ajruport fi ġranet partikolari għaliex ġejjin it-tfal u ġieli tela' xi tliet darbiet u lill-appellanti ma kienx jaraha hemm. Meta kien iċemplilha kienet tgħidlu li ttardja l-ajruplan. **Il-flus talabhomlha kemm-il darba u qaltlu li ser ittihomlu**

Xehed ukoll is-sur Joseph Borg Cardona, rappreżentant tal-Bank of Valletta, li ntwera żewġ ċekkijiet maħruġa mill-Bank of Valletta datati 29 ta' Marzu 2002 u 22 ta' Ġunju 2001. Dawn iż-żewġ ċekkijiet inħarġu mill-kont tal-konjuġi Mallia favur Concetta Charles (fol 124). Dak tal-Lm500 kien issarraf fid-19 t'April, 2002 minn ID 811758(M) (Dan huwa n-numru tal-karta tal-identita' tal-appellanti). It-tieni ċekk kien depożitat fil-kont numru 1790092034 li hu f'isem Concetta Charles. Dan kien depożitat fis-16 ta' Lulju 2001.

A fol 137, il-Qorti kienet ordnat li kopja tax-xhieda mogħtija mill-appellanti tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija biex dak allegat minnha fil-konfront ta' tarbija hix koperta b'court order tal-Pakistan jiġi investigat.

**Xhieda tal-appellanti (17 ta' Settembru 2009).**

L-appellanti xehdet li hija, flimkien mal-kollegi tagħha, kienet iffurmat il-Fondazzjoni New United Christian Foundation. Fis-sena 1997 hija kien irnexxielha tniżżel tifla ta' tliet ġimgħat u din it-tifla llum għadha Malta. Fl-1998 hija niżżlet erbat itfal oħra għal erba' koppji. Sa meta xehdet kienet għamlet, hawn Malta, xi erbgħin addozzjoni ta' tfal mill-Pakistan. F'Ġunju tas-sena 2001 kienu marru għandha l-koppja Raymond u Josette Mallia u għamlet agreement magħhom. L-ispiża għal kollox telgħet Lm5500. (fol 140). F'Marzu tas-sena 2002 hija kienet diġa' bdiet tipproċessa l-addozzjoni tal-familja Mallia. Minħabba allegazzjonijiet ta' serq tat-tfal, il-Pulizija tal-Pakistan kienet għamlet raid fuq id-dar u żewġha spiċċa l-ħabs. Wara dan kienet ġabet tarbija oħra hawn Malta u kienet tittama li ser jasal it-turn ta' Josette Mallia. Fis-sena 2003 il-koppja kienu bagħtulha ittra permezz tal-avukat tagħhom fejn huma talbuha ttihom il-flus lura. It-tifla li kellha tniżżlilhom kien jisimha Abigail u twieldet fil-

25 ta’ Marzu 2004. Huma kienu tawha affidavit flok il-prokura.

L-appellanti kellha xi tgħid mal-impjegat tagħha Shabin Shabka. Hija kellha l-ordni dwar l-adoption ta’ Abigail għall-ħabta tal-Għid **2005.** Il-karti damu ma kienu awtentikati mill-Foreign Office u hija talbet lil Josette Mallia ittiha photocopy. Ir-raġel tagħha eventwalment inħeles mill-ħabs wara li ppreżentat dokumentazzjoni li kellha mill-Human Rights High Court.

F’Marzu **2006** saret taf li t-tifla niżlet Malta u Shabin Shabka għaddieha lill-koppja Mallia. Ċertu **Suleiman** kien ta ritratt tat-tifla li hu kien għadda lil Shabin Shabka. Huwa ta lill-appellanti ritratt ta’ Josette bit-tifla. Ta wkoll ritratt ta’ Martin bit-tifla (it-tnejn esibiti). Hija ndunat li Shabin Shabka kien niżżel it-tifla bil-court order. (fol 145).

Imbagħad l-appellanti esibiet tliet rapporti maħruga mill-Ministeru tal-Pakistan rigwardanti Human Rights. Malli kienu ppreżentati dawn id-dokumenti r-raġel tagħha inħeles mill-ħabs.

Fis-26 ta’ Novembru, 2009 reġa’ xehed Raymond Mallia li qal li kien minnu li hu kien imur għand Concetta Charles sabiex tgħinu jġib tarbija iżda Concetta Charles dejjem kienet tittratjeni. It-tarbija li ġab hawn Malta kienet permezz ta’ Shabin Shabka (fol 173) li kien iltaqa’ miegħu permezz ta’ persuna oħra u mhux permezz ta’ Concetta Charles.L-appellanti ma kellhiex x’taqsam mal-addozzjoni tat-tifla tiegħu. Huwa ma kienx jaf li Shabin Shabka kien il-manager tal-Christian Foundation. L-appellanti kienet tgħidlu biex lilha ma jsemmiha ma’ ħadd. Shabin Shabka kien talbu biex iġiblu d-dokumentazzjoni mill-ġdid. **Huwa ma kienx uża xi dokumentazzjoni li kien ta lill-appellanti. (fol 174).**

Il-Qorti eżaminat ukoll id-dokumenti li jinsabu a fol 175 et (Dok RM). Fihom sabet applikazzjoni għall-visa minn Gunzar Masih (fol 175), l-għoti tal-visa mill-Pulizija ta’ Malta lil Abigail Masih li twieldet fil-25 ta’ Marzu 2004, awtorizzazzjoni sabiex l-istess Abigail Masih tkun tista’

tivvjaġġja matul Frar u Marzu tas-sena 2006, awtorizzazzjoni għall-istess żmien sabiex ikun jista' jivvjaġġa Shafqat Shabbir, applikazzjoni biex tkun estiża l-mawra ta' Abigail Mallia, ittra datata 8 ta' Frar **2006** mill-Ministeru tal-Familja u solidarjeta' soċjali li tgħid li l-koppja Mallia tkun tista' tibda l-proċess tal-addozzjoni, ċertifikat mediku dwar Abigail Mallia maħruġ mill-Isptar San Luqa, ittra mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin li fiha hemm referenza għall-affidavit tal-avukat Pakistani Muhammed Sharif, l-Ordni tal-Qorti tal-Familja ta' Karachi li l-firma tiegħu kienet legalizzata mill-Uffiċju tal-Protokol tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-Pakistan, l-adoption deed legalizzat mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-Pakistan, affidavit magħmul mill-koppja Mallia fit-18 ta' Mejju 2004, estratt mir-reġistru tal-birth certificates ta' Karachi li juri li Abigail twieldet fil-**25 ta' Marzu, 2004** u li missierha u ommha jisimhom Ashraf Masih u Gulzar rispettivament, fotokopja tal-passaport Pakistani ta' Abigail, fotokopja tal-visa (fol 180), l-adoption Medical Report maħruġ minn Malta (fol 183), affidavit magħmul mill-Avukat Qazi Muhammad Bashir ġewwa Karachi bid-data 10 ta' Frar 2005, Certificate of Guardianship, l-ordni tal-Qorti ta' Karchi li biha t-tifla setgħet toħroġ mill-ġurisdizzjoni tal-Pakistan u tiġi Malta, l-adoption deed mill-Pakistan, Ordni tal-Qorti taħt l-artikolu 7 tal-Guardians and Wards Act (Qorti tal-Familja – Karachi), affidavit magħmul mill-Avukat Qazi Muhammd Bashir, ittri minn avukati Maltin li taw is-servizzi tagħhom lill-koppja Mallia, xi ħlasijiet li saru permezz ta' money transfers jew DHL u kont maħruġ minn Bajada Enterprises Limited (fol 198) għal Lm265.

Fis-7 ta' Jannar 2010 reġgħet xehdet Concetta Charles li għamlet allegazzjoni dwar il-mod ta' kif ġiet it-tifla tal-koppja Mallia f'Malta. . Hija esibiet scrap book, birth certificate tat-tifla, u kopja tal-court order. (fol 202, 209-211 tas-17 ta' Diċembru, 2004.). Il-karti kienu jinsabu f'idejn Shabka u suppost għaddiehom lilha. Esibiet ukoll birth certificate (fol 212) li juri li Abigail, bint Gulzar u Ashraf Masih, twieldet fil-25 ta' Marzu 2004, liema ċertifikat ħareġ mill-Pakistan. Esibiet ukoll dokument maħruġ mill-Court of Voluntary Jurisdiction f'Karachi

rigwardanti l-kwistjoni ta’ Abigail li tinsab fil-pussess tal-parte ċivili. Dawn huma tat-tifla li tinsab fil-pussess ta’ Raymond Mallia u mhux tat-tifla li kellha tniżżel hi.

Il-Qorti rat id-dokumenti a fol 209, 210, 211 – ordni maħruġa mill-Qorti tal-Familja ta’ Karachi wara rikors magħmul minn Mst Gulzar w/o Ashraf Masih; il-birth certificate ta’ Abigail maħruġ mill-Municipal Administration ta’ Karachi, u ordni biex it-tifla tkun tista’ toħroġ mill-ġurisdizzjoni (fol 213).

Fis-7 ta’ Jannar 2010 reġa’ xehed Raymond Mallia u ppreżenta d-dokumentazzjoni kollha relattiva għall-adozzjoni li għamel hu mill-Pakistan. (fol 206).(Dok RM). Huwa xehed li huwa ma kellu x’jaqsam xejn mal-appellanti fl-adozzjoni tat-tifla li għandu u li jisimha Abigail. Id-dokumentazzjoni m’għandha x’taqsam xejn mal-ħidma tal-imputata. Il-flus li kien ta lil Shabka huma esibiti fid-dokument RM. (Dan id-dokument jinkludi l-adoption deed ta’ Abigail immarkat Y tat- 2 t’April 2004, Guardianship Order tas-17 ta’ Diċembru 2004 immarkat X u l-affidavit magħmul f’Karachi fl-10 ta’ Frar 2005 u immarkat Z1).

Fit-13 t’April, 2010 Concetta Charles reġgħet xehdet u qalet li d-dokument X esibit mis-sur Mallia ma kienx legalizzat u dan ma kenitx tathulu hi. Hija kienet diġa’ ppreżentat print out tal-ordni tas-sentenza tal-adoption u dan għaliex l-oriġinali kienet għaddietha lilu. Hija talbitu jagħmlilha kopja u ma tahilhiex. Anzi heddidha li jekk tmur għandu, jsejjaħ lill-Pulizija. **Hija qalet li kieku hi ma kenitx involuta f’din l-addozzjoni, kif hi għandha l-print out tad-dokumenti**? Hija kienet infurmat kemm lill-avukat Pakistani kif ukoll lill-Pulizija dwar Shabin Shabka. Dan kien tressaq il-Qorti f’Malta u nstab ħati. It-tifla l-oħra li ġab Shabin Shabka lill-koppja Mallia mhix oħt Abigail.

Il-Qorti eżaminat l-ittra tal-Avukat Bashir dwar Shabir Shafqat li ma kien ħallas lil dan l-avukat parti mill-kont, l-ittra li Shabir Shafqat kien bagħat lid-Direttur tad-Dipartiment tas-Social Welfare dwar il-bidla fl-indirizz tal-Fondazzjoni (fol 222), u s-sentenza mogħtija mill-Qorti Maltija tal-24 t’Awwissu 2008.

Fit-13 t'April 2011, Raymond Mallia esibixxa dokumentazzjoni tal-ħlas li kien għamel lil Shabin Shabka. Huwa qal li kien veru li huma għandhom żewġt itfal u li t-tnejn kienu ġew għandhom permezz tal-assistenza mogħtija minn Shabin Shafqa. (Ammonti Lm600; Lm318; Lm420; Lm522;Lm585; Lm420; Lm420; Lm522; Lm250; Lm200; Lm420. Dawn jinkludi t-taxxi. Kollha għandhom Money Transfer Control Number differenti.

Fis-6 ta' Lulju 2010, reġgħet xehdet Concetta Charles in kontro-eżami. Hija qalet li kienet marret il-Pakistan biex tivverifika li t-tifla li ġab Raymond Mallia ma kinitx l-istess tarbija li kienet ser iġġiblu hi (fol 250). Hija ma kienet ħadet ebda passi dwar l-artikoli li dehru fil-gazzetti dwarha. Ikkonfermat li kienet ħadet is-somma ta' Lm5500 minn għand ilp-konjuġi Mallia iżda ma kienx minnu li għamlet xi profit. L-agreement mal-koppja Mallia kien sar fis-sena 2001 u l-inkwiet dwar ir-raġel tagħha inqala' f'April 2002. Minħabba talba ta' Raymond Mallia hija kellha tistenna sakemm ikun hemm tifla ta' karnaġġjon ċar li tkun tista' tiġi addottata. Il-karti kien qed iżommhom Shabin Shabka u għalhekk ma niżlitx it-tifla. Hija qalet li l-court order kienet ilha li ħarġet – sew qabel is-sena 2005. Ix-xhud qalet ukoll li kienet marret għand Josette Mallia sabiex din tagħmel affidavit ħalli jgħadduh lil Shabin Shabka ħalli jibda l-proċess.

Rat ukoll in-Noti ta' sottomissjonijiet magħmulin mill-Prosekuzzjoni u l-Parte Civile (4 t'Awwissu 2010 u mid-difiża 23 ta' Novembru 2010.

Rat ukoll in-Nota tal-Kummmissarju tal-Pulizija (fol 281 et) ippreżentata fit-2 ta' Marzu 2011.

Rat ukoll id-digriet tal-isfilz tal-5 ta' Diċembru 2012.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

**Punt ta’ Liġi**

**L-artikolu 293** tal-Kap 9 jgħid hekk:

‘Kull min japproprja ruħu billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra minn ħaġa ta’ ħaddieħor li tkun ġiet fdata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa, jew li jsir użu minnha speċifikat.....’

**L-artikolu 294** tal-Kap 9 jgħid hekk:

‘Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi maħgmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnati lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummer, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex-uffico u l-piena tkun ta’ priġunerija minn seba’ xhur sa sentejn.’

Dwar in-natura tal-misapproprijazzjoni indebita, il-Qorti tal-Appell Kriminali esprimiet ruħha diversi drabi.

Fil-21 ta’ Novembru, 1953 fis-sentenza fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Giuseppe Cauchi’ il-Qorti kienet qalet hekk:

**Dwar l-elementi in ġenerali**

‘Ghad-delitt ta' approprjazzjoni indebita jehtieg li l-hati jkun ghamel mill-haga lilu fdata "konversjoni"; u hemm konversjoni, "inter alia", meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat, u minflok hu jikkonvertiha ghal beneficcju tieghu stess, jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati in bwona fede. Xejn ma jiswa biex ihassar dan ir-reat il-fatt li l-persuna danneggjata tkun hadet proceduri civili biex tigbor flusha; ghax l-azzjoni civili hija indipendenti mill-azzjoni kriminali.’

Fil-każ ‘Il-Pulizija vs George Bellizzi’, il-Qorti qalet hekk:

‘Id-disposizzjoni nostrana fuq l-approprjazzjoni indebita hi aktar ampja minn dik li tinsab fil-Kodici Kriminali Taljan.

Fil-ligi tagħna anki min jagħmel użu mill-oggetti fdati lilu diversi mill-uzu specifikat mill-persuna li kkonsenjatlu l-oggett u dan l-uzu divers jaghmlu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor, ikun hati ta' dan ir-reat.'

**L-element intenzjonali b'mod speċifiku**

Fis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Siegfried Borg Cole', [4] kien deċiż hekk dwar l-element intenzjonali tal-misapproprijazzjoni indebita:

'F'dan il-kaz ma kienx hemm id-dolo rikjest mill-ligi, u cioe` **l-intenzjoni ta' l-appellat li japproprja ruhhu billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra mill-flus li kien qed izomm a nom ta' terzi**. L-appellat la kellu x-xjenza li qed jaghmel xi haga illegali semplicement għax ittardja li jaghmel il-konteġġi mehtiega, u anqas volontarjament ikkonverta ossia dawwar il-flus bl-iskop li jagħmel profitt minn dik il-konversjoni.'

F'każ ieħor 'Il-Pulizija vs Raymond Falzon',[5] l-istess Qorti qalet hekk dwar l-intenzjoni:

'Ghalkemm huwa veru li, ghall-fini tar-reat ta' approprijazzjoni bla jedd, certi awturi jikkunsidraw li l-intenzjoni li wiehed jirrestitwixxi l-oggett tinnewtralizza l-iskop ta' qligh jew profitt bi pregudizzju tal-vittma (profitt li del resto ma hemmx ghalfejn ikun wiehed pekunjarju), tali intenzjoni, izda, trid ikollha bhala fondament ic-certezza tar-restituzzjoni u mhux tkun semplicement ibbazata fuq l-isperanza ta' eventwali restituzzjoni; tali intenzjoni fil-parti l-kbira tal-kazijiet timmanifesta ruħha fir-restituzzjoni effettiva u immedjata.'

**Punt ta' fatt**

[4] 2 ta' Diċembru 2003.

[5] 17 t'April, 1998

Id-difiża nsistiet dwar id-differenzi li jeżistu bejn il-paġni 311 u 312 u 318 u 319 tal-proċess. Skont id—difiża l-falz jidher a fol 311 u 312 minħabba l-kliem 'lives with her and take abroad' (fol 312) li huma allegatament miżjudin filwaqt li a fol 319 is-sentenza tispiċċa hekk:

'I allow the repesent application and appoint Mst Gulzar as guardian of minor as well as welfare of the minor **lies with her**.'

L-oriġinal huwa dak li jidher a fol 318 u 319 waqt li dak li hemm a fol 311 u 312 huwa dak li ppreżenta l-kwerelant.

Skont id-difiża, dan juri li l-kwerelant mhux jgħid il-verita' għax ma tistax tagħmel addozzjoni f'xahar.

Il-Qorti rat ukoll xi żidiet jew alterazzjonijiet oħra a fol 312. Hemm kitba bil-linka wara l-isem 'Ashraf Masih' u hemm linka superimposta fuq ix-xahar fid-data fejn ix-xahar 'September' huwa impost b'data oħra.

Iżda l-Qorti daqshekk tista' tasal għaliex l-ebda Qorti ma tista' tagħmilha ta' espert. F'sitwazzjoni bħal din il-ħatra ta' espert kienet indispensabbli u għalhekk il-Qorti ma tistax tmur oltre li tagħmel dawn l-osservazzjonijiet li għamlet. Barra dan l-Awtoritajiet tal-Pakistan (dokument 9) a fol 317 qalu hekk:

'Please be informed that as reported by our concerned authorities, the documents have been verified to be genuine as well as the (that) Ashraf Masih s/o Yaqoob Masih in his statement has confirmed about the adoption of his two minor as per alw taken by Maltese couple to Malta. The order of the IVth Civil/Family Judge and Judicial Magistrate Karachi is attached in this regard.'

Din hija dikjarazzjoni tal-Awtoritajiet Pakistani li wara kollox huma responsabbli mill-ħruġ tad-dokumenti oriġinali.

L-appellant indika xi punti oħra li għal tqabbil inklużi 'sinjali'. L-appellant issottometta li dawn jidhru 'ictu oculi'.

Dwar sitwazzjonijiet fejn il-falz jidher ‘ictu oculi’, il-Professur Sir Anthony Mamo fit-tieni parti tan-Noti dwar il-Liġi Kriminali a fol 160 jikteb hekk:

‘But if the manner of executing the forgery is so clumsy that the forgery itself is obvious almost ‘ictu oculi’ then the crime of forgery is negatived, although there may be another crime of offence (fraud) (Rex vs L.Cassar 1941).

Id-duttrina tal-‘ictu oculi’ hija intiża tara jekk hemmx r-reat ta’ falz jew le iżda dan ma jfissirx li m’għandux jinħatar perit biex jiddetermina l-falzita’. Isegwi li l-appellant kellha titlob lill-Qorti biex taħtar espert biex janalizza d-dokumenti relevanti biex jistabbilixxi jekk kienx hemm xi falzita’ jew tibdil fid-dokumenti li għalihom saret referenza. Dan ma sarx u u l-Qorti tal-Maġistrati u din il-Qorti ma jistgħux jissostitwixxu l-ħila ta’ espert.

Wara li l-Qorti għarblet dawn is-sottomissjonijiet issa ser teżamina is-sottomissjonijiet oħra magħmula mir-rikorrent, fosthom il-prinċipali li l-appellanti ma tistax tinstab ħatja ta’ misapproprijazzjoni indebita u għax ma kienx hemm id-dolus rikjest mill-artikoli 293 u 294. .

(1) Ma hemm ebda dubju li l-appellanti rċeviet flus minn għand il-koppja Mallia sabiex huma jkunu jistgħu jaddottaw tarbija mill-Pakistan.

(2) Fl-istqarrija stess l-appellanti kienet spjegat li ‘il-flus li ħallsu l-koppja Mallia jifformaw parti minn fond kollettiv kif jistipola l-istess agreement li għamilt magħhom fejn kellhom imorru dawn il-flus. Il-fond ikopri l-ispejjeż tal-manutenzjoni tat-tfal li jkollna f’idejna u cioe’ f’idejn il-fondazzjoni United Christian Foundation li qegħda fil-Pakistan.’

(3) Min-naħa l-oħra l-agreement li kien iffirmat bejn l-appellanti u l-koppja Mallia fil-21 ta’ Ġunju 2001 jgħid hekk:

‘Such consideration covers all medical expenses and the maintenance **of such a child** in the New United Christian

Foundation's Home in Pakistan as well as well as all legal, administrative, telephone and travelling expenses in Pakistan connected to the adoption'

Il-kliem li jidher fl-agreement a fol 28 jindika li l-Lm5,500 kienu ser jintużaw in konnessjoni ma' din l-addozzjoni **b'mod partikolari u speċifiku. Il-ħames mitt lira Maltin li kellhom jitħallsu lill-appellanti tħallsu qabel ħareġ iċ-ċertifikat mediku.**

(4) Il-ftehim kellu jdum għal sena – jiġifieri sat-22 ta' Ġunju 2002.

(5) Fl-10 ta' Frar 2003, il-konjuġi Mallia talbu lill-appellanti jew iġġib it-tarbija fi żmien xahar jew tħallashom lura s-somma ta' Lm5,500. Imbagħad, wara din id-data stennew aktar.

(6) Il-kwerela ta' Raymond Mallia saret fit-22 ta' Marzu 2006. L-istess Mallia xehed li l-appellanti kienet tgħidlu biex imur l-ajruport fi ġranet partikolari għaliex kienu ġejjin it-tfal. Kien iċemplilha u tgħidlu li l-ajruplan ittardja. Kien iċemplilha u kienet tgħidlu li dalwaqt ser jaslu t-tfal. Il-flus qaltlu li ser tagħtihomlu kemm-il darba pero' qatt ma tatu xejn. (Dan il-kliem qatt ma kien kontradett mill-appellanti minkejja li telgħet tixhed diversi drabi). Dwar 'visti' ġo l-ajruport, waqt it-trattazzjoni, l-Avukat Difensur, wara li kkonsulta mal-appellanti, għarraf lill-Qorti li dan ma kienx minnu. Iżda din in-negazzjoni qatt ma kienet ikkonfermata bil-ġurament. Il-kwerelant baqa' jinsisti li l-appellanti ma kellhiex x'taqsam mal-addozzjoni li ġab hu għaliex kien diġa' qata' minn mal-imputata.

(7) Id-difiża ewlenija tal-appellanti hija li kienet qed tagħmel l-isforzi tagħha sabiex l-addozzjoni sseħħ. Semmiet li hija bdiet taħdem fuq l-addozzjoni fil-15 ta' Marzu 2002 u li t-tifla li kellha tkun addottata twieldet fil-25 ta' Marzu 2004. Mill-bqija l-appellanti bbażat id-difiża tagħha li l-kwerelant kien uża dokumenti li tħabtet għalihom hi biex, skont hi, l-appellant ġab tifla oħra. Hija kienet impjegat lil ċertu Shabbit Shafqat fl-1 ta' Lulju 2003 u li dan Shabbit Shafqat kien ittradiha billi uża l-istess karti

u ġab tifla oħra. Dan Shabbit Shafqat kien ukoll instab ħati fuq frodi fi proċeduri hawn Malta. Barra dan il-kwerelanti ma riedx jagħtiha ċerti karti li kien jippossedi biex hi setgħet tmexxi l-addozzjoni ‘l quddiem. A fol 253 hija nsistiet li l-Court Order kienet f’idejn Shabbit Shabka. Din kienet ħarġet mill-Qorti u kien hemmhekk li ndunat li Shabbit Shabka kien qed ibagħbas.

(8) Il-Qorti tosserva li meta l-appellanti impjegat lil Shabbit Shabka fl-1 ta’ Lulju 2003, l-agreement kien ilu jeżisti mill-21 ta’ Ġunju 2001 – jiġifieri sentejn u disat ijiem. Il-validita’ tiegħu kienet skadiet għaliex kienet inqabżet is-sena li kellu jibqa’ fis-seħħ. Biss dan il-ftehim kien ġie taċitament estiż wara l-laqgħa li kien hemm ma’ Dr Pullicino.

(9) Imbagħad ‘it-tifla’ Abigail twieldet fil-**25 ta’ Marzu 2004**. Mill-atti jidher li sar adoption deed fit-2 t’April, 2004 (fol 297), ordni oħra tal-Qorti saret fis-17 ta’ Diċembru 2004, u l-affidavit mill-Avukat Qazi Mummad Bashir fil-11 ta’ Mejju 2005.

(10) Il-Qorti għarblet dak kollu li setgħet tgħarbel bir-reqqa. Qieset ukoll dak li kellhom xi jgħidu l-awtoritajiet Pakistani dwar l-allegazzjonijiet li saru mill-appellanti kif ukoll dwar il-ġenwinita’ tad-dokumenti. **Din hija l-verżjoni tal-awtoritajiet li għandha quddiemha din il-Qorti u ma tistax tiskarta din id-dikjarazzjoni**. **Ikkonsidrat ukoll it-trapass taż-żmien mill-bidu tal-ftehim mal-koppja Mallia sa ma l-appellanti bdiet tipproċessa l-addozzjoni kif ukoll li t-tifla mwegħda twieldet fil-25 ta’ Marzu 2004, sentejn u disa’ xhur mid-data tal-ftehim meta l-ftehim kien jindika li l-addozzjoni setgħet issir f’sena.**

**(11) Qieset ukoll li kien hemm żmien biżżejjed biex l-appellanti tissodisfa l-obbligi tagħha qabel ma daħal fix-xena Shabbit Shabka u dan ma sarx.**

(12) Il-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha qalet hekk:

'Irriżulta wkoll li dawn il-flus ingħataw lill-imputata bl-obbligu speċifiku li jintużaw għall-ispejjeż sabiex tinġieb tarbija mill-Pakistan għal skopijiet ta' addozzjoni bl-obbligu tar-radd lura tal-flus jekk is-servizz li l-imputata obbligat ruħha li tippresta ma javverax ruħu. Irriżulta wkoll li l-imputata la pprestat dan is-servizz u lanqas raddet lura l-flus lilha mgħoddija għall-użu speċifiku u irriżulta inoltre li hija dawret dawn il-flus bi profitt għaliha għaliex ikkonvertiethom għall-bżonnijiet tal-Fondazzjoni tagħha.''

(13) L-istess Qorti kkwotat b'approvazzjoni s-sentenza 'Il-Pulizija v John Gauci' tal-14 ta' Frar 1997 fejn intqal hekk:

'Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-aġent biex dan bihom jixtrilu dar, l-aġent jikkommetti r-reat ta' approprijiazzjoni indebita jekk minflok jagħtihom karita'.'

(14) Bħalma qalet l-istess appellanti 'kull każ għandu l-istorja tiegħu.' Fil-fehma ta' din il-Qorti **f'dan il-każ** l-appellanti kellha żmien biżżejjed biex tonera l-obbligu tagħha jew li taqbad u tħallas kollox lura. Koppja li tkun trid taddotta tkun fuq ix-xwiek u waqt li tassew li l-proċeduri jieħdu żmienhom imma l-koppja ma tistax tibqa' tistenna *in aeternum*. Mhux biżżejjed li d-difiża twaħħal kollox f'Shabbit Shabka u fl-allegat taħwid tiegħu. Lanqas hija konvinċenti għal kollox l-appellanti meta tgħid li li kieku ħallew f'idejha l-koppja Mallia kienet tipprovdilhom tarbija hi meta wieħed jikkonsidra kemm għadda żmien. Barra dan, id-'dolus' f'dan l-artikolu jista' javvera ruħu imqar jekk għal xi żmien wieħed ikun dawwar il-flus għall-użi oħrajn meta l-użu ta' dawn il-flus kien wieħed speċifiku ġara, x'ġara wara. **Il-ftehim kien ċar biex il-flus jintużaw ħalli ssir l-addozzjoni li riedu l-koppja Mallia u mhux li l-flus imorru għall-fondazzjoni kif joħroġ mill-istqarrija tal-appellanti stess. Huwa sinifikanti li l-appellanti qatt ma pproduċiet riċevuti ħa turi kif kienet nefqet imqar parti mill-flus. Li titkellem**

**dwar averages mhux biżżejjed f'kuntest fejn is-somma ngħatat għal għan speċifiku.**

(15) Fl-aħħarnett ma kienet xejn sabiħ it-twebbil li t-tfal kienu waslu u imbagħad tinġieb xi skuża.

(16) Għalhekk din il-Qorti mhix qed tara raġuni għala għandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik tal-Ewwel Onorabbli Qorti fl-apprezzament tal-fatti li għamlet din tal-aħħar. Isegwi li qed tiċħad kull aggravju tal-appellanti. Biss fil-konklużjoni ser ikun hemm temperament tal-piena.

**Konklużjoni.**

Għaldaqstant il-Qorti qed tirriforma is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-20 ta' Settembru, 2011 billi qed tikkonfermaha fejn sabet lill-appellanti ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontriha u fejn ikkundannatha tħallas (l-ekwivalenti ta' Lm5,500) €12,811.55 fi żmien sitt xhur (s'intendi mid-data ta' llum)u qed tirriformaha f'dik il-parti fejn ikkundannata għal piena ta' priġunerija ta' sentejn sospiżi għal erba' snin u minflok, stante l-fedina penali netta tagħha, qed tikkundannaha għal sena priġunerija sospiża għal tliet snin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------